MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Numru. 392/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSPEH ABDILLA**

**KONTRA**

**ANTHONY FORMSTON**
**ta’ 40 sena, bin Anthony u Carmen nee’ Fenech, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-18 ta’ Novembru, 1967, residenti fil-fond numru 177, Flat 13, Triq San Kristofru, il-Belt Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 46667M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzI kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Formston li gie akkuzat talli:

a. Nhar l-20 ta’ Mejju, 2004 fil-Belt Valletta, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt

li kien qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli fl-istess data u lok, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli fl-istess data u lok, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor gharraq jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat, bi ksur tal-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli fl-istess data u lok, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jhedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' Ligi ohra, bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli fl-istess data, lok u hin, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu ta' Malta;

f. U kif ukoll talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 21 tal-process ghal proceduri sommarji;

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, u li rrisponda li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti a folio 5 tal-process;

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 20047 Anthony Formston ghazel li jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat in-nota ezebita mill-Avukat Difensur a fol 22 tal-process, fejn l-akkuzat ikkonferma l-ammissjoni tieghu fil-konfront ta' l-akkuzi a, b, d, u e;
Giet irtirata l-ammissjoni fir-rigward ta' l-akkuzi c, taht l-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel kompletament mas-sottomissjoni tad-Difiza dwar il-fatt illi r-reat taht l-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex pruvat u dan senjalament li rrizulta mix-xhieda ta' PC 569 Anthony Cassar a fol 36 - 39 tal-process. Jirrizulta minn din ix-xhieda illi l-pulizija marru biex jelevaw il-kontenut kollu fuq l-istall tal-merca Punky Fish u mhux kif lilhom suggerit *sample* tal-istess. Hawn jidher li nqala' disgwid bejn l-imputat u bejn il-pulizija, fejn allura Formston hataf minn idejn il-pulizija dan il-merce. Tul dan kollu Formston anki bi vjolenza fizika (imbuttar), insista mal-pulizija li l-oggetti suspettuzi kienu mixtrijin bis-sewwa. Fil-fatt aktar tard l-istess akkuzat regga' lura din il-merkanzija l-oggetti suggetti ta' dan id-disgwid.

Ghalhekk, ghalkemm rezistenti Formston la ssoprima, gharraq, jew biddel xi tracci jew indizji ta' reat u ghalhekk qieghed jigi liberat mir-reat taht l-Artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, in vista' ta' l-ammissjoni registrata, dwar il-piena, qiegheda ssib lil Anthony Formston hati ta' l-akkuzi ai termini tal-Artikoli 95, 96, 338(ee), dawn ta' l-ahhar

assorbiti fir-reat principali u ta’ l-Artikolu 338(bb), 49, 50 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi fil-fatt id-Difiza ghandha ragun tghid illi mill-fedina penali ta’ l-imputat hija karatterrizzata b’akkuzi b’reati in konnessjoni ma’ kummerc, u dawn mhux wiehed jew tnejn. Pero daqstant iehor mill-fedina jirrizulta li l-imputat jidher li ghandu problema fil-konfront ta’ l-awtoritajiet pubblici u offizi fuq il-persuna, dan b’mod plurali, ghaldaqstant din il-Qorti tqis li Anthony Formston moghti diversi opportunitajiet jidher li ma jridx jibdel l-attitudni tieghu f’dan ir-rigward, tqis ghalhekk li l-piena idonea ghandha tkun dik karcerarja u ghalhekk qiegheda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ erba’(4) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------